



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0553/2022**

9.12.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal  
Iżrael u l-Palestina  
(2022/2949(RSP))

**Maria Arena, Evin Incir, Margarida Marques, Pedro Marques, Tonino  
Picula, Nacho Sánchez Amor, Elena Yoncheva**  
f'isem il-Grupp S&D

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina (2022/2949(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 dwar il-ksib tas-soluzzjoni ta' żewġ stati fil-Lvant Nofsani<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari dawk tas-16 ta' Diċembru 2013, tat-12 ta' Mejju 2014, tal-20 ta' Lulju 2015, tat-18 ta' Jannar 2016, u tal-20 ta' Ġunju 2016,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Avviż Interpretattiv tal-Kummissjoni dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta' prodotti mit-territorji okkupati minn Iżrael sa minn Ġunju 1967<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-linji gwida dwar l-eliġibbiltà ta' entitajiet Iżraeljani u l-attivitajiet tagħhom fit-territorji okkupati minn Iżrael minn Ġunju 1967 għal għotjiet, premjijiet u strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-UE mill-2014 'il quddiem tad-19 ta' Lulju 2013,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Unjoni Ewropea tal-2021 dwar l-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluża Ġerusalem tal-Lvant,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) dwar l-appoġġ tal-UE għall-UNRWA (2017-2024) tas-17 ta' Novembru 2021,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

---

<sup>1</sup> ĠU C 307, 30.8.2018, p. 113.

<sup>2</sup> ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.

<sup>4</sup> ĠU C 375, 12.11.2015, p. 4.

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-2022 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorji Palestinjani okkupati mill-1967,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-2022 dwar l-assistenza tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) lill-poplu Palestinjan: L-iżviluppi fl-ekonomija tat-Territorju Palestinjan okkupat,
  - wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo tal-1993 u tal-1995,
  - wara li kkunsidra l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi tal-2002,
  - wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani tal-2013,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ksib tal-paċi fil-Lvant Nofsani jibqa' prijorità ewlenija għall-komunità internazzjonali, inkluża l-Unjoni Ewropea, u komponent indispensabbli tal-istabbiltà u s-sigurtà globali;
  - B. billi r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Viċi President tal-Kummissjoni esprima f'bosta okkażjonijiet l-impenn tiegħu li jġedded u jsaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani;
  - C. billi r-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maż-żewġ naħat iridu jkunu bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li jiggwidaw il-politika interna u internazzjonali tagħhom u jikkostitwixxu element essenzjali ta' dawn ir-relazzjonijiet;
  - D. billi - skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA tan-NU) - l-2022 kienet l-aktar sena mimlija mwiet mill-2006 għall-Palestinjani li jirrisjedu fix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, b'mill-inqas 105 Palestinjani, inklużi 26 tifel u tifla, maqtula mill-forzi Iżraeljani sat-18 ta' Ottubru 2022, filwaqt li fl-istess perjodu nqatlu 10 persuni ċivili Iżraeljani, tliet barranin u erba' suldati Iżraeljani minn Palestinjani mix-Xatt tal-Punent;
  - E. billi l-organizzazzjonijiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem Iżraeljani, Palestinjani u internazzjonali kif ukoll diversi Rapporteurs Speċjali tan-NU dan l-aħħar ħarġu rapporti li jasserixxu li l-politiki ta' Iżrael fil-konfront tal-Palestinjani jirrappreżentaw delitt ta' apartheid skont id-dritt internazzjonali;
  - F. billi madwar żewġ miljun Palestinjani li jgħixu fl-Istrixxa ta' Gaża ilhom jiffaċċjaw kriżi umanitarja kronika u li qed tmur għall-aġħar għal dawn l-aħħar 15-il sena bħala riżultat tar-regola tal-Hamas, gwerer rikorrenti u l-imblokk kontinwu li jikkostitwixxi kastig kollettiv tal-popolazzjoni; billi - skont l-OCHA tan-NU - kważi 80 % tal-popolazzjoni ta' Gaża jibbażaw fuq l-assistenza umanitarja, aktar minn nofs il-popolazzjoni ta' Gaża jgħixu fil-faqar, u kważi 80 % taż-żgħażaġh fl-Istrixxa ta' Gaża huma qiegħda;
  - G. billi l-Istrixxa ta' Gaża ma għandhiex faċilitajiet u servizzi mediċi adegwati għal diversi trattamenti serji ta' mard, inklużi r-radjoterapija u l-kimoterapija; billi l-pazjenti b'dan il-

mard iridu jitolbu permessi ta' ħruġ mediku mill-awtoritajiet Iżraeljani; billi proporzjon kbir ta' talbiet, inkluż għal tfal żgħar, jiddewmu jew jiġu miċħuda minħabba raġunijiet ta' sigurtà, li jirriżultaw f'imwiet; billi t-talbiet ta' ħafna ġenituri, normalment ommijiet, li japplikaw biex jakkumpanjaw lit-tfal tagħhom għal trattament mediku jiġu miċħuda jew ma jiġux imwiegħba, u t-tfal jitħallew waħedhom meta jirċievu trattament mediku kritiku;

- H. billi - skont ir-Rapport tal-2021 dwar l-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant, mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea (ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, UNRWA) - is-sena l-oħra rat rata akbar ulterjuri ta' avvanz tal-unitajiet ta' insedjament fit-territorji Palestinjani okkupati (22 030), b'mod partikolari f'Ġerusalemm tal-Lvant fejn l-għadd ta' unitajiet ta' abitazzjoni ġodda żdied b'aktar mid-doppju meta mqabbel mal-2020 (mis-6 288 għall-14 894), bħala parti mit-tendenza ta' espansjoni kontinwa tal-insedjamenti Iżraeljani;
- I. billi - skont l-OCHA tan-NU - twaqqgħu 7 088 struttura, inklużi 1 419-il struttura ffinanzjati minn donaturi, u 9 931 persuna ġew spostati fix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant, fil-kuntest tal-okkupazzjoni fid-deċennju minn Diċembru 2012;
- J. billi l-awtoritajiet Iżraeljani għadhom isegwu politika sistematika ta' detenzjoni amministrattiva mingħajr akkuża jew proċess tal-Palestinjani; billi - skont l-Assoċjazzjoni Palestinjana ta' Appoġġ għall-Priġunieri u d-Drittijiet tal-Bniedem ta' Addameer - 4 760 priġunier politiku Palestinjan, inklużi 820 detenut amministrattiv, 160 tifel u tifla, 33 mara, u sitt Membri tal-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan, għadhom qed jinżammu minn Iżrael;
- K. billi, f'Ottubru 2021, il-Ministeru tad-Difiża Iżraeljan ħareġ ordni militari li nnominat sitt organizzazzjonijiet mhux governattivi Palestinjani (l-Assoċjazzjoni Palestinjana ta' Appoġġ għall-Priġunieri u d-Drittijiet tal-Bniedem ta' Addameer, Al-Ħaq, Bisan Centre for Research and Development, Defense for Children International-Palestine, Union of Agricultural Work Committees u Union of Palestinian Women's Committees) bħala "assoċjazzjonijiet illegali" (organizzazzjonijiet terroristiċi); billi f'Awwissu 2022, saru rejds fl-uffiċċji ta' dawn l-organizzazzjonijiet, id-dokumenti ġew ikkonfiskati u t-tagħmir inqered mill-forzi Iżraeljani; billi dawn l-organizzazzjonijiet għadhom qed jiffaċċjaw intimidazzjoni u tentattivi biex jiġu delegittimizzati;
- L. billi l-finanzjament kollu tal-Unjoni Ewropea għall-2021 lill-Awtorità Palestinjana ġie mdewwem b'xhur minħabba t-tentattivi mill-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir biex tiżdied kundizzjonalità li tirrikjedi i-reviżjoni tal-kotba tal-iskola Palestinjani; billi din il-proposta rat vot kontra ripetut b'maġġoranza fil-Kunsill; billi dan id-dewmien irriżulta fi ħsara sostanzjali għall-funzjonament tal-amministrazzjoni Palestinjana, b'mod partikolari s-servizzi bażiċi, inkluża s-saħħa pubblika, u nuqqas ta' fondi biex jitħallsu s-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tagħha;
- M. billi, fil-11 ta' Mejju 2022, il-ġurnalista Shireen Abu Aqla inqatlet matul attakk militari Iżraeljan f'Jenin fix-Xatt okkupat tal-Punent; billi, minkejja diversi appelli biex isir dan, ma saret l-ebda investigazzjoni indipendenti dwar il-qtil tagħha biex b'hekk dawk li wettqu dan l-att kriminali ma nżammux responsabbli ta' għemilhom;

- N. billi - skont ir-rapport tal-2022 tal-UNCTAD - l-okkupazzjoni Iżraeljana toħloq distorsjoni fl-ekonomija Palestinjana u qed tisforza d-degrikolizzazzjoni u d-deindustrijalizzazzjoni tat-territorji okkupati, u dan jirriżulta f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi li qed imorru għall-aghbar għall-popolazzjoni Palestinjana; billi l-UNCTAD tistma l-kostijiet tar-restrizzjonijiet fuq l-attività ekonomika Palestinjana għal 25,3 % tal-PDG tax-Xatt tal-Punent u t-telf kumulattiv tal-PDG matul il-perjodu 2000–2020 għal USD 50 biljun;
- O. billi l-qgħad fit-territorji Palestinjani okkupati għadu għoli b'rata globali ta' 26 % filwaqt li aktar minn nofs il-forza tax-xogħol fl-Istrixxa ta' Gaża għadha qiegħda u r-rata tal-qgħad fix-Xatt tal-Punent hija ta' 17 %; billi l-kapaċità batuta tal-ekonomija Palestinjana għall-ħolqien tal-impjiegi waqt li qiegħda taħt okkupazzjoni ma tħalli l-ebda għażla għal proporzjon kbir ta' ħaddiema Palestinjani ħlief dik li jfittxu impjieg f'Iżrael u fl-insedjamenti;
1. Itenni l-appell tiegħu għal tmiem tal-kunflitt fit-tul bejn Iżrael u l-Palestina u l-okkupazzjoni tal-art Palestinjana permezz tat-tkomplija ta' taħditiet ta' paċi ġenwini bejn iż-żewġ naħat abbażi ta' parametri stabbiliti għal soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, li jwasslu għal ftehim dwar l-istatus permanenti negozjat; jilqa' l-appelli ripetuti tat-tmexxija Palestinjana għal taħditiet ta' paċi u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn bħal dan mill-Gvern Iżraeljan;
  2. Jiddeplora n-nuqqas ta' riżultati tanġibbli fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani f'dawn l-aħħar deċennji, minkejja diversi inizjattivi, li jirriżultaw fi vjolenza kontinwa u t-telf ta' ħafna ħajjiet innoċenti, sitwazzjoni li qed tiddeterjora b'mod kostanti fuq il-post fit-territorji Palestinjani okkupati, l-espansjoni kontinwa tal-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, l-imblokk kontinwu tal-Istrixxa ta' Gaża, il-frustrazzjoni akbar fis-soċjetà Palestinjana, it-tensjonijiet dejjem akbar fis-soċjetà Iżraeljana, l-instabbiltà fit-tul fil-Lvant Nofsani u l-istrukturalizzazzjoni tal-kunflitt minn gruppi estremisti;
  3. Jikkundanna u jitlob li jintemmu minnufih l-atti kollha ta' vjolenza bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza f'operazzjonijiet militari mill-Forzi tad-Difiża Iżraeljani, l-attakki terroristiċi kontra ċivili innoċenti u l-immirar tal-infrastrutturi ċivili, il-vjolenza dejjem tikber fl-insedjamenti u l-isparar indiskriminat ta' rokits mill-Istrixxa ta' Gaża lejn Iżrael; huwa partikolarment imħasseb dwar ir-riskju ta' trasferimenti bil-forza fiż-żona Masafer Yatta; ifakkar li t-trasferiment tal-popolazzjoni ċivili ta' awtorità okkupanti lejn territorju militarment okkupat jikser ir-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra u jikkostitwixxi delitt tal-gwerra fl-ambitu tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jitlob li tintemm l-impunità għar-reati kontra d-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa minn kwalunkwe attur involut fil-kunflitt u li daww responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja u jinżammu responsabbli;
  4. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati bħala l-unika soluzzjoni vijabbli għall-kunflitt, bl-Istat ta' Iżrael u l-Istat tal-Palestina li jgħixu flimkien b'mod parallel f'paċi u sigurtà, filwaqt li jirrikonoxxu lil xulxin u l-fruntieri tal-1967, bi tpartit ta' art miftiehem b'mod reċiproku u b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ Stati; jinsab imħasseb dwar it-tiŝiħ ulterjuri ta' realtà mhux demokratika ta' Stat wieħed ta' drittijiet mhux ugwali, okkupazzjoni perpetwa u kunflitt;

jistieden lill-Istati Membri jżommu magħquda wara s-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati u jappoġġjaw lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fl-iżvilupp ta' inizjattivi tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-għan li jilħqu dan l-objettiv;

5. Itenni l-impenn sod tiegħu għas-sigurtà kemm tal-Iżraeljani kif ukoll tal-Palestinjani;
6. Jikkundanna l-isforzi sistematiċi tal-Awtorità Palestinjana biex tagħlaq ħalq dawk li ma jaqblux, inkluż bl-arrest arbitrarju ta' kritiċi u opposenti, li spiss ikunu soġġetti għal tortura jew għal trattament ħażin ieħor; jikkundanna l-qtil mill-forzi tal-Awtorità Palestinjana tal-attivista prominenti u kritiku Nizar Banat, li ġie msawwat sa ma miet waqt li kien taħt kustodja, u jiddeplora n-nuqqas kontinwu ta' rfiġ ta' responsabbiltà għal mewtu;
7. Itenni l-appoġġ tiegħu għar-rikonoxximent tas-sovranietà Palestinjana, kif espress fir-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2014, u jappella għal appoġġ kontinwu tal-Unjoni Ewropea għall-bini tal-Istat Palestinjan abbażi tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
8. Ifakkar li skont il-Ftehimiet ta' Oslo u r-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-istatus ta' Ġerusalemm irid jiġi deċiż miż-żewġ partijiet mingħajr l-ebda azzjoni minn parti terza li tippreċedi din id-deċiżjoni; iħeġġeġ lill-Istati Uniti jreġġgħu lura d-deċiżjoni tagħhom li jirrilokaw l-ambaxxati tagħhom f'Iżrael ġewwa Ġerusalemm u jhegġgħom jergġu jiftħu l-konsulat tagħhom f'Ġerusalemm tal-Lvant; jitlob li jiġi rrispettat bis-sħiħ l-*istatus quo* tas-Santa Esplanade (al-Haram al-Sharif/Temple Mount) f'Ġerusalemm, li ġie stabbilit fl-1967;
9. Itenni l-appell tiegħu biex tiġi ffaċilitata l-kriżi umanitarja fl-Istrixxa ta' Gaża u jintemm l-imblokk tagħha li ilu għaddej ħmistax-il sena permezz ta' soluzzjoni politika, f'konformità mal-arranġamenti ta' sigurtà meħtieġa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani jirrevedu l-politika tagħhom dwar il-permessi tal-ħruġ biex jippermettu lill-pazjenti Palestinjani jaċċessaw trattament mediku xieraq mingħajr dewmien u biex it-tfal li joħorġu mill-Istrixxa ta' Gaża għal trattament mediku jkunu akkumpanjati minn wieħed mill-ġenituri tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jipprovdu lill-pazjenti kollha tal-kanċer b'permessi ta' tliet xhur sabiex jiġi pprevenut ir-riskju ta' dewmien fil-permessi li jzommmhom milli jingħataw trattament f'waqtu; jitlob li jingħata aċċess mingħajr xkiel lill-Membri tal-Parlament Ewropew għal żjarat umanitarji fuq il-post fl-Istrixxa ta' Gaża;
10. Itenni l-importanza tar-rikonċiljazzjoni u l-unità Palestinjana fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani; huwa mħasseb ħafna li fil-Palestina ilhom ma jsiru elezzjonijiet presidenzjali mill-2005 u elezzjonijiet leġiżlattivi mill-2006, u jiddeplora l-posponiment indefinit tal-elezzjonijiet ipplanati għall-2021 mill-President Mahmoud Abbas; jitlob li jsiru elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi trasparenti, kredibbli u inklużivi fil-Palestina sabiex tiġi kkonsolidata l-leġittimità tat-tmexxija politika Palestinjana; jistieden lil Iżrael jirrispetta l-obbligi tiegħu li jippermetti li jsiru dawn l-elezzjonijiet f'Ġerusalemm tal-Lvant; jerġa' jinsisti li l-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jeħtiġilhom ikunu awtorizzati josservaw dawn l-elezzjonijiet jekk jiġu mistiedna;
11. Jisħaq li l-preżervazzjoni tal-vijabbiltà tas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ

Stati fis-sitwazzjoni li qed tiddeterjora b'mod kostanti fuq il-post fit-territorji Palestinjani okkupati trid tkun prijorità immedjata għall-Unjoni Ewropea; jitlob li jintemmu minnufih l-azzjonijiet unilaterali Iżraeljani kollha li jxekklu jew jimminaw is-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati, b'mod partikolari l-bini u l-espansjoni tal-insedjamenti, id-demolizzjoni tad-djar u tal-infrastruttura Palestinjani u l-ispostament furzat tal-familji Palestinjani mix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant; itenni li l-UE mhux se tirrikonoxxi l-bidliet fil-fruntieri tal-1967 sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejn iż-żewġ partijiet; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jitolbu kumpens għad-demolizzjoni tal-infrastruttura kollha ffinanzjata mill-UE fit-territorji Palestinjani okkupati, kif ukoll jiġbru l-ordnijiet uffiċjali tad-demolizzjoni bħala evidenza possibbli ta' delitti tal-gwerra;

12. Jappella lill-Unjoni Ewropea tkompli tiżviluppa l-politika tagħha ta' differenzjazzjoni bejn it-territorju tal-Istat ta' Iżrael u t-territorji Palestinjani okkupati fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' Iżrael, f'konformità mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tar-Riżoluzzjoni 2334 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jinsisti li l-ftehimiet kollha tal-UE ma' Iżrael iridu jindikaw b'mod ċar u espliċitu n-nuqqas ta' applikabbiltà tagħhom għat-territorju okkupat minn Iżrael fl-1967; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-prinċipju tad-differenzjazzjoni jiġi applikat b'mod konsistenti fl-aspetti kollha tar-relazzjonijiet bilaterali tal-UE ma' Iżrael; jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE u tal-arranġamenti bilaterali applikabbli għall-prodotti ta' insedjamenti Iżraeljani;
13. Jappella għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tipprojbixxi globalment il-kummerċ ma' insedjamenti Iżraeljani fit-territorji Palestinjani okkupati, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali; jinnota li l-kummerċ ta' prodotti mmanifatturati f'insedjamenti li jinsabu f'territorju okkupat, jew il-kummerċ ma' territorju okkupat, jgħin biex isostni l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u jiġu msaħħa l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li spiss jirriżultaw minn insedjamenti, inkluż il-konfiska tal-art, l-isfruttament tar-riżorsi naturali u l-ispostament tal-popolazzjoni lokali, jew id-diskriminazzjoni kontriha;
14. Jisħaq fuq l-importanza kruċjali li jerġa' jiġi stabbilit perjodu politiku għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati; jappella għal inizjattiva politika tal-Unjoni Ewropea li għandha l-għan li terġa' tibda l-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli u ftehim dwar l-istatus permanenti negozjat; ihegġegħ lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jaħdem biex jippromwovi konferenza internazzjonali bħala l-ewwel pass f'qafas multilaterali lejn dan l-oġettiv, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mal-Istati Uniti u ma' sħab internazzjonali oħra;
15. Jappella li jsir użu effiċjenti mill-ingranaġġ ekonomiku u politiku tal-Unjoni Ewropea kemm fir-rigward ta' Iżrael kif ukoll tal-Palestinjani bil-għan li jiġi ġġenerat involviment ġenwin fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani fuq iż-żewġ naħat; jappella, fid-dawl tan-nuqqas ta' progress fil-proċess ta' paċi u ta' azzjonijiet li jimminaw is-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati, għal reviżjoni tar-relazzjonijiet bilaterali tal-UE maż-żewġ partijiet, inkluż il-ftehim ta' Assoċjazzjoni ma' Iżrael u l-implimentazzjoni tiegħu fid-dawl tal-Artikolu 2 tiegħu;

16. Jappoġġja l-impenn tal-Unjoni Ewropea, approvat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarjiet Barranin tas-16 ta' Diċembru 2013, li toffri pakkett mingħajr preċedent ta' appoġġ politiku, ekonomiku u ta' sigurtà u sħubija privileġġata speċjali liż-żewġ partijiet bħala parti minn ftehim dwar l-istatus permanenti;
17. Jilqa' l-iżborż li ilu jiġi pospost tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea għall-2021 lill-Awtorità Palestinjana f'Ġunju 2022; jiddeplora dan id-dewmien ikkawżat mit-tentattivi ripetuti mill-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir biex tiġi introdotta kondizzjonalità mhux ġustifikata għal dan il-finanzjament, li tpoġġi lill-Awtorità Palestinjana f'sitwazzjoni aktar diffiċli u friskju ta' kollass fiskali;
18. Jišhaq fuq l-importanza tal-bini tal-fiduċja bejn iż-żewġ naħat, kemm fuq il-livell politiku kif ukoll fuq il-livell personali bejn in-nies, bħala prekundizzjoni meħtieġa għal kwalunkwe proċess ta' paċi ta' suċċess u għall-koeżistenza paċifika bejn Iżrael u l-Palestina fil-futur; jappella appoġġ imsaħħaħ tal-Unjoni Ewropea għal inizjattivi bħal dawn;
19. Ihegġegħ lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament tagħha għal proġetti li għandhom l-għan li jtejbu s-sitwazzjoni tal-minoranza Għarbija Palestinjana f'Iżrael, li għandha l-potenzjal li jkollha rwol importanti fil-koeżistenza paċifika bejn Iżrael u l-Palestinjani fil-futur;
20. Ihegġegħ lill-Unjoni Ewropea żżid l-appoġġ politiku u finanzjarju tagħha lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi inizjattivi konġunti bejn Iżrael u l-Palestina, li taħdem għall-paċi u li tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem fuq iż-żewġ naħat; huwa mħasseb ħafna dwar l-ispazju dejjem jonqos għas-soċjetà ċivili f'Iżrael u fil-Palestina, u jhegġegħ lill-UE tagħmel din il-kwistjoni prijorità fl-aġenda tad-djalogu politiku tagħha mal-Gvern Iżraeljan u mal-Awtorità Palestinjana; jikkundanna d-deżinjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem Palestinjani bħala "assoċjazzjonijiet illegali" (organizzazzjonijiet terroristiċi) minn Iżrael; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jreġġgħu lura din id-deċiżjoni u jippermettu lil dawn l-organizzazzjonijiet ikomplu l-ħidma vitali tagħhom; jesprimi dispjaċir għas-sospensjoni bla ġustifikazzjoni tal-finanzjament tal-UE lil diversi minn dawn l-organizzazzjonijiet minħabba d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir ibbażata fuq allegazzjonijiet mhux sostanzjati, li kkawżaw dannu operazzjonali u reputazzjonali serju għalihom; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-appoġġ finanzjarju tagħha lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi Palestinjani;
21. Jikkundanna l-politika u l-prattika mifruxa ta' Iżrael li jżomm mijiet ta' Palestinjani f'detenzjoni amministrattiva mingħajr proċess jew mingħajr akkuża abbażi ta' evidenza sigrieta, inkluż id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Salah Hammouri, u jappella li din il-politika tintemm minnufih;
22. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil tal-ġurnalista Shireen Abu Aqla matul attakk militari Iżraeljan f'Jenin fix-Xatt okkupat tal-Punent, li ħafna inkjesti indipendenti jattribwixxu lill-forzi Iżraeljani;
23. Huwa maħsud bid-detenzjoni kontinwa f'konfinament solitarju ta' Ahmad Manasra minkejja l-kundizzjoni serja tas-saħħa tiegħu, li tista' tirrappreżenta tortura; jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li l-appelli għar-rilaxx tiegħu, inkluż mill-esperti tal-Unjoni



Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti, ma ġewx aċċettati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani jergħu jikkunsidraw id-deċiżjoni tagħhom u biex jeħilsuh minnufih;

24. Jitlob li jintemmu minnufih l-atti kollha ta' inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza minn kwalunkwe naħa fil-kuntest tal-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina; iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea tappoġġja u taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar it-territorji Palestinjani okkupati, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant, u f'Iżrael, b'mod partikolari fir-rigward tal-mandat tagħha li tidentifika l-kawżi fundamentali sottostanti tat-tensjonijiet rikorrenti, l-instabbiltà u n-natura fit-tul tal-kunflitt, u li tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmu fl-interazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri mal-awtoritajiet Iżraeljani;
25. Jerġa' jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu paċi, stabbiltà u prosperità dejjiema fir-reġjun tal-Lvant Nofsani; jilqa' l-impenn tal-Unjoni Ewropea li taħdem flimkien mas-sħab reġjonali u internazzjonali tagħha biex tilħaq dan il-għan; ifakkar fl-importanza tal-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi f'dan ir-rigward;
26. Jistieden lill-Gvern Iżraeljan jirrevoka r-restrizzjonijiet il-ġodda tiegħu fuq id-dħul u r-residenza ta' ċittadini barranin fix-Xatt tal-Punent, stabbiliti fl-20 ta' Ottubru 2022, li għandhom impatt fuq is-soċjetà Palestinjana u fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-viżitaturi, il-konjuġi u l-membri tal-familja, l-istudenti u l-akkademiċi, u l-esperti u l-voluntiera; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tal-prinċipju ta' reċiproċità tal-UE għall-aċċess mingħajr viża;
27. Jappoġġja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-investigazzjoni li għaddejjja tagħha dwar is-sitwazzjoni fit-territorji Palestinjani okkupati u jistieden lill-Unjoni Ewropea tappoġġja l-involviment tal-Qorti, kif tagħmel f'sitwazzjonijiet oħra ta' kunflitt madwar id-dinja;
28. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-UNRWA, li tipprovdi servizzi essenzjali għall-protezzjoni u l-iżvilupp tal-bniedem tar-refuġjati Palestinjani fil-Lvant Nofsani; jappella lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jsaħħu l-appoġġ politiku u finanzjarju tagħhom għall-Aġenzija, wara t-tiġdid reċenti tal-mandat tagħha mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti;
29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lir-Rappreżentant tal-Kwartett, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab, lill-President u l-Kunġress tal-Istati Uniti tal-Amerka, lill-Knesset u lill-Gvern Iżraeljani, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.